

Brussell, 22 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14955/22

ENER 609
COASI 220

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Stabbiliment tad-Djalogu dwar l-Enerġija bejn l-UE u l-ASEAN f'isem l-Unjoni - talba għall-approvazzjoni mill-Kunsill skont l-arranġamenti ta' strumenti mhux vinkolanti - Awtorizzazzjoni għall-iffirmar ta' strument mhux vinkolanti

1. Fl-4 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija bl-intenzjoni tagħha li tinnegozja l-istabbiliment ta' Djalogu dwar l-Enerġija f'isem l-UE mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u l-Istati Membri tagħha, bil-ħsieb tal-iffirmar tiegħu, f'isem l-UE, matul is-Summit UE-ASEAN f'Diċembru 2022¹.
2. Fit-12 ta' Ottubru 2022 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja f'isem l-UE l-istabbiliment ta' tali Djalogu dwar l-Enerġija (ST 12940/22).
3. Il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-avvanz tan-negozjati mal-ASEAN fil-15 ta' Novembru, u reġgħet lura għand il-Kunsill fi tmiem il-proċess ta' negozjati biex tfittex l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-approvazzjoni tat-Termini ta' Referenza għal dan id-Djalogu dwar l-Enerġija f'isem l-UE².

¹ 12938/22

² 14724/22

4 Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-termini ta' referenza tad-Djalogu dwar l-Enerġija bejn l-UE u l-ASEAN, kif jinsab fid-dokument ST 14724/22;
- jistieden lill-Kunsill biex jawtorizza l-iffirmar tat-termini ta' referenza tad-Djalogu dwar l-Enerġija bejn l-UE u l-ASEAN, kif jinsabu fid-dokument ST 14724/22, soġġett għal aġġustamenti żgħar possibbli bħala riżultat tan-negozjati mas-sħab rilevanti, iżda mingħajr bidliet fis-sustanza.
